dejjem

*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA

## Kulleġġ Maria Regina

## Sena Skolastika 2014 / 2015

| Ir-Raba' Sena | **Reliġjon** | Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem: ________________________________

Klassi: ________________________________

Skola: ________________________________

| Ammont Totali ta' Marki |
|---|
| |



## A. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju. *(10 marki)*

1. L-aktar appostlu li ħadem biex ixerred il-kelma ta'Alla kien (**San Pawl**, San Luqa, San Ġakbu).

2. San Pawl għażel l-ewwel (missjunarji, ragħajja, isfqijiet) biex ixandru l-Kelma ta' Alla.

3. Meta l-appostli kienu l-ħabs kienu dejjem jgħidu: "Aħna l-ewwel nobdu lil (Alla, bnedmin, l-appostli), imbagħad lill-(Alla, bnedmin, l-appostli)."

4. L-ewwel insara kienu jbigħu l-affarijiet tagħhom u l-flus jgħadduhom (lill-qaddisin, lill-appostli, lill-isfqijiet).

5. (San Stiefnu, San Pawl, San Luqa) kien l-ewwel martri.

6. San Ġużepp kien (qassis, mastrudaxxa, ħaddied).

7. Ġesù qajjem mill-mewt lit-tifla ta' (Pawlu, Mattew, Ġajru).

8. Għall-knisja, in-nies fil-bżonn huma (bravi, aħwa speċjali, imqarbin).

9. Lil Alla rridu (nħobbuh u nobduh, nħobbuh u nweġġgħuh, nobduh u nikkoreġuh).

10. Ġesu jrid li fil-familja tagħna aħna (nħobbu, nweġġgħu, nbikku) lil xulxin.



## B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bin-numri minn 1 sa 10.

*(10 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Sar tieġ | | l-inbid. |
| 2. | Marija u Ġesù | | jimlew il-ġarar bl-ilma. |
| 3. | Waqt l-ikla spiċċalhom | | il-ġarar sax-xfar. |
| 4. | Marija qalet lill-qaddejja: | | kien inbidel f'inbid. |
| 5. | Kien hemm sitt | | kienu mistiedna għat-tieġ ukoll. |
| 6. | Ġesù qalilhom biex | | f'Kana tal-Galilija. |
| 7. | Il-qaddejja obdew u imlew | | inewluh lil dak li qed jieħu ħsieb il-mejda. |
| 8. | Wara Ġesù qalilhom biex | | l-għarajjes jibqgħu ferħanin. |
| 9. | Il-qaddejja tawh l-ilma li | | "agħmlu dak li jgħidilkom Hu." |
| 10. | Ġesù biddel l-ilma f'inbid biex | | ġarar tal-ħaġar. |



## Ċ. Kompli dawn it-talbiet. *(5 marki)*

1. Missierna li inti fis-______________________, jitqaddes ismek.

2. Sliema għalik Marija, bil-______________________ mimlija.

3. Itlob għalina ______________________ issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.

4. Kif kien fil-bidu, issa u ______________________, jibqa' għal dejjem.



5. Fl-isem tal-______________________, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

---

## D. Ikteb talba lil Ġesù biex tirringrazzjah tan-nies li għandek jieħdu ħsiebek u għid għaliex. *(5 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



## E. X'oġġett jien? *(10 marki)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ambone | blandun | fonti tal-Magħmudija | qniepen | kalċi |
| altar | konfessinarju | Via Sagra | sagristija | sedja |

| | |
|---|---|
| 1. Minn fuqi tinqara l-Kelma ta' Alla. | |
| 2. Nindaqqu meta jsir il-ħin għall-quddies. | |
| 3. Fija l-qassis jaħfirlek dnubietek. | |
| 4. Fuqi jpoġġi l-qassis waqt il-qari tal-Kelma t'Alla. | |
| 5. Ġo fija jkun hemm l-inbid waqt il-konsagrazzjoni. | |
| 6. Jiena xemgħa kbira li ninżamm fuq l-artal. | |
| 7. Aħna nuru l-passjoni ta' Ġesù f'erbatax-il kwadru. | |
| 8. Jiena l-iktar ħaġa importanti fil-Knisja. | |
| 9. Bl-ilma tiegħi jitgħammdu t-tfal. | |
| 10. Fija l-qassis jipprepara għall-quddiesa. | |



## F. Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi. *(5 marki)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ġesù | San Pietru | nħobbuh u nobduh | aħħar tad-dinja | l-ħajja |

1. Il-Knisja li qegħdin fiha aħna għamilha ________________________.



2. L-Ispirtu s-Santu ser idum jieħu ħsieb il-Knisja sal-________________________.

3. Lill-Knisja l-Ispirtu s-Santu jagħtiha ________________________.



4. L-imġieba lejn l-isqof tagħna għandha tkun li ________________________ bħala dak li qiegħed imexxina f'isem Ġesù.

5. Bħala mexxej tal-Knisja kollha, Ġesù għażel lil ________________________.

---

## Ġ. Mill-istorja tal-Pentekoste, agħżel il-kelma t-tajba mill-parenteżi. *(5 marki)*

1. L-appostli kienu qed iħossuhom (imbeżżgħin, ferħanin, daħkana).

2. Flimkien magħhom kien hemm (il-Madonna, Ġesù, Ġużeppi).

3. Fil-Pentekoste (Ġesù, l-Ispirtu s-Santu, n-nar) niżel fuq l-appostli.

4. Fuq kull dixxiplu li kien hemm, deher qisu ilsien (tal-kulur, tal-ħelu, tan-nar).

5. Wara, l-appostli mtlew (bid-dwejjaq, bil-biża', bl-għerf).

## G. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bin-numri minn 1 sa 10.

*(10 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | L-aktar ħaġa importanti li nagħmlu flimkien fil-knisja | | huwa Ġesù. |
| 2 | Il-kap tal-Knisja Kattolika fid-dinja | | kienu l-appostli. |
| 3 | Il-Kmandamenti | | li jħallu pajjiżhom biex jgħinu l-foqra. |
| 4 | Aħna dħalna fil-familja ta' Alla | | hi l-quddiesa. |
| 5 | L-appostli kienu | | huwa l-Papa. |
| 6 | Ir-ragħaj it-tajjeb | | ikompluh l-isfqijiet. |
| 7 | Ix-xogħol tal-appostli llum qed | | tnax. |
| 8 | Il-ħbieb speċjali ta' Ġesù | | huwa l-Isqof. |
| 9 | Il-missjunarji huma nies | | meta rċevejna l-magħmudija. |
| 10 | Il-kap tal-Knisja Kattolika f'Malta | | huma għaxra. |



## Għ. Imla l-vojt bil-kliem provdut. *(10 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| *agape table* | katakombi | jidfnu | pellikan |
| dgħajsa | jitolbu | ċimiterji | Birgu |
| | Imdina | kappelli | |

L-ewwel insara f'Malta kienu ______________________ u ______________________ l-mejtin tagħhom fil-______________________. Dawn huma bħal ______________________ imħaffrin taħt l-art. Fihom kienu jpinġu diversi tpinġijiet fosthom ______________________ u ______________________. Minbarra t-tpinġijiet insibu wkoll l-______________________ li kienet tintuża wara li jidfnu n-nies ħalli jitolbu.

L-ewwel parroċċa f'Malta kienet fl-inħawi tar-Rabat u l-______________________. It-tieni parroċċa kienet dik tal-______________________. Minħabba li qabel kien ikun hemm ftit nies, f'diversi rħula nsibu knejjes żgħar li nsejħulhom ______________________.



## H. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq din l-istorja. *(10 marki)*

Darba waħda waqt il-brejk tal-iskola, Ben kien qed jiġri ma' sħabu meta f'daqqa waħda żelaq u waqa'. Fil-pront John u Peter bdew jidħku bih. Karla ratu u marret tiġri ħdejh. Ben ħassu ferm aħjar u marru jilagħbu flimkien.

1. X'għamlu ħażin John u Peter?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Kif taħseb li ħassu Ben għall-ewwel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. X'għamlet tajjeb Karla?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Kieku inti kont hemm, x'kont tagħmel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Kif għandha tkun l-imġieba tagħna lejn sħabna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Ħ. Aqra din l-istorja dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta u wara wieġeb il-mistoqsijiet. *(10 marki)*



Kienet riesqa x-xitwa, meta Pawlu telaq bil-ġifen mill-Palestina fi triqtu lejn Ruma biex jidher fil-qorti t'hemm. Fi triqtu, qamet tempesta kbira. In-nies ta' fuq il-ġifen bdew jibżgħu li se jegħrqu. Imma Pawlu għamlilhom kuraġġ u qalilhom li ħadd ma kien se jintilef. Damu erbatax-il ġurnata fil-maltemp meta fl-aħħar bdew joqorbu lejn l-art. Peress li kien il-lejl, tefgħu l-ankri u qagħdu jistennew li jisbaħ. Meta sebaħ raw bajja u telqu biex jidħlu fiha. Għalkemm il-baħar kien imqalleb, ħadd minnhom ma għereq. Malli niżlu saru jafu li l-gżira kien jisimha Malta. Il-Maltin qabdulhom ħuġġieġa biex jisħnu. Minn ġo nofs il-ħatab telgħet lifgħa li gidmet lil Pawlu. Il-Maltin stennewh li se jaqa' u jmut iżda Pawlu ma ġralu xejn. Għalhekk bdew jaħsbu li hu xi alla.

1. Pawlu u l-priġunieri kienu fi triqthom lejn Ruma biex jidher fil-(qorti, gżira, blata) t' hemm.

2. Fuq il-ġifen ma' Pawlu kien hemm ukoll (Mark, Ġwanni, Luqa).

3. F'liema ktieb tal-Bibbja tinsab miktuba din l-istorja?

______________________________________________________________

4. Semmi żewġ affarijiet li għamel San Pawl waqt li kien Malta.

a) ____________________________________________________________

b) ____________________________________________________________

5. Għaliex aħna l-Maltin lil San Pawl insejħulu Missierna?

______________________________________________________________

## I. Ikteb sentenza waħda b'informazzjoni siewja fuq dawn in-nies. *(10 marki)*

1. San Ġużepp

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. Il-Madonna

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. San Pietru

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. San Publiju

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. San Stiefnu

______________________________________________________________

______________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA